MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 24/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Glen Debattista**

**Kumpilazzjoni Nru: 24/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glen Debattista, ta' 49 sena, bin Francis u Carmelina nee' Gatt, imwieled Pieta, fil-25 ta' Awissu, 1959 u residenti fil-fond numru 129, Triq Manwel Dimech, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 565359(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu, 2003 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginaji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' seba' mija u hamsin elf u disa' mija u sitta u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€750,966.69 ekwivalenti ghal Lm322,390) ghad-dannu ta' Michael Debono Limited.

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, f'Mejju, 2003 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmijijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, inganna jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' mija u tnejn u ghoxrin elf u hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erba' centezmi (€122,525.04 ekwivalenti ghal Lm52,600) ghad-dannu ta' Rohan Motors Limited.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'April, 2005 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmlula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet u fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u

pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

U aktar talli fl-istess perjodu , lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghat taghmel hsara lil persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghat taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew benficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif falz;

U aktar talli b’hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152, illum l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta’ Lulju, 2000.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tapplika mutantis mutandis id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provedimenti ta’ l-Artikolu 23B tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 18, 187(1)(2) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 18, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 9 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 17, 18, 23, 23A(2), 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur.

Rat li l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijet izda baqa inadempjenti.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrizultaw ampjament u ma jezisti l-ebda dubbju dwarhom.

Illi certu Raymond Cortis kellu kumpanija li jisimha Curtis Rent-A-Car Limited li permezz taghha kien jiggestixxi negozju tal-kiri tal-karozzi. Fis-sena 1999 huwa ghamel skrittura privata ma'l-imputat (li deher fuq l-iskrittura f'isem Lyton's Rental's Ltd) permezz ta' liema Cortis, fil-waqt li baqa' direttur (flimkien ma' martu) tal-kumpanija, ghada l-operat tal-licenzji relattivi lill-imputat; dan il-ftehiem kien

ghal perjodu ta' hames snin. Tul dawn il-hames snin Glen Debattista kien ikollu jirrikorri ghand Cortis ghall-iffirmar ta' xi dokumenti inkluz dawk relattivi ghax-xiri ta' diversi vetturi ta' tip Hyundai u Maruti; Raymond Cortis kien anke ta' lill-imputat kopja tal-karta ta' l-identita tieghu ghal dak li seta' jkollu bzonn. Wara dawn il-hames snin l-ishma kollha fil-kumpanija Curtis Rent-A-Car gew trasferiti lill-ġenituri ta' Glen Debattista fil-waqt li Cortis u martu irrizenjaw mill-kariga ta' direttur u gew sostitwieti mill-genituri ta' Glen Debattista: Frank u Carmela Debattista.

Illi gara pero li bejn Awissu 2001 u Mejju 2003 u bejn April 2002 u Awissu 2003 rispettivament l-imputat kien akkwista disgha (9) karrozzi minghand Rohan Motors Limited u hamsa u hamsin (55) karozza minghand Michael Debono Limited[1]; gew iffirmati l-kuntratti u d-dokumenti kollha relattivi inkluz dawk intiezi ghall-Transport Malta, kif ukoll kambjali bhala garanzija ghall-hlas tal-prezz li kellu jsir ratealment. Peress li l-imputat beda jaqa lura fil-hlas, u wara xi diskussjonijiet mad-dirigenti ta' Michael Debono Limited, gie rinegozjat ir-repayment programme u gew firmati kambjali godda; il-problemi ta' hlas pero xorta baqghu jippersistu u l-imputat iffirma kostituzzjoni ta' debitu ma' kull wahda miz-zewg kumpaniji koncernati permezz ta' liema gie stabbilit l-ammont dovut u rega' gie negozjat repayment programme.

Illi f'dan l-istadju ghandu jinghad li fin-negozjati kollha tieghu ma' Michael Debono Limited u ma' Rohan Motors Limited l-imputat prezenta ruhhu bhala Raymond Cortis. L-imputat kien izomm kopja skura tal-karta ta' l-identita ta' Cortis biex juri lilha minflok karta ta' identita propja. Din il-kopja kienet skura bizzejjed biex ir-ritratt ta' Cortis fuqha ma kienx jidher car. Ghandu jinghad li fil-perjodu meta sar il-kostituzzjoni ta' debitu Raymond Cortis kien diga trasferixxa kull interess fil-kumpanija Curtis Rent-A-Car lill-genituri ta'l-imputat ghalhekk dawn (il-genituri ta' l-imputat) iffirmaw company resolution permezz ta' liema awtorizzaw lil Raymond Cortis biex jidher f'isem il-

[1] Dawn iz-zewg kumpaniji huma ta' l-istess persuni.

kumpanija fuq il-kostituzzjoni ta’ debitu; pero fil-verita ma kienx mar Cortis biex jiffirma il-kuntratti, imma kien mar l-imputat li kompla jipprezenta ruhu bhala Raymond Cortis.

Illi minkejja li kien sar il-kostituzzjoni ta’ debietu u gie rinegozjat ir-repayment programme l-imputat baqa ma zammx mal-pagamenti dovuta u Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited kellhom jiehdu passi civili biex jirkupraw l-ammonti dovuta lilhom; dan anke permezz ta’ mandati ta’ qbid fuq il-vetturi li kien xtara l-imputat. Kien f’dan l-istadju li d-dirigenti ta’ Michael Debono Limited saru jafu li l-persuna li huma kienu qed jitrattaw maghha ma kenitx Raymond Cortis imma Glen Debattista; huma ghalhekk ghamlu rapport lill-pulizija dwar l-akkadut.

Illi ghandu jinghad li f’l-istqarrijiet minnu rilaxxjati, meta kien qed jigi interrogat, l-imputat ammetta dawn il-fatti kollha. Dawn l-istqarrijiet ittiehdu fis-sena 2009 meta kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi dwar id-dritt ta’konsultazzjoni ma’ avukat qabel ir-rilaxx ta’ stqarrija.

Illi pero l-imputat fil-kors ta’ dawn il-proceduri ammetta li l-firem li jidhru fid-dokumenti kollha esebieti huma tieghu; dan huwa ghamlu mhux biss wara li kellu l-opportunita jikkonsulta ma’l-avukat tieghu imma addirittura fil-prezenza ta’ l-istess konsulent legali tieghu, wara li l-proceduri odjerni kienu diga avvjati sew[2]. Ghandu jinghad li permezz ta’ din id-dikjarazzjoni tieghu l-imputat accetta li kwazi l-firem kollha (firem ta’ l-isem Raymond Cortis) fid-dokumenti esebieti kien ghamilhom hu hlif ghal xi ftit li indika f’l-istess dikjarazzjoni.

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni gie nominat espert kaligrafu u gie stabbilit li l-firem fil-varji dokumenti esebieti, inkluz dawk indikati mill-imputat bhala mhux maghmula minnu, ma sarux minn Raymond Cortis jew minn xi persuni ohra li setghu kienu involuti fil-kaz.

Illi ma ttiehdux kampjun tal-kaligrafija ta’l-imputat u ghalhekk l-espert nominat ma kellux l-inkarigu li jistabilixxi

[2] Ara verbal a fol 159.

jekk dawk il-firem (ta’ l-isem Raymond Cortis) sarux mill-imputat jew le. Pero, minkejja dan u tenut kont ta’l-assjem tal-provi, m’ghandu jezisti l-ebda dubbju li dawk il-firem kollha ghamilhom l-imputat.

Illi a skans ta’  ekwivoci ghandu jigi rilevat li l-ammissjoni ta’l-imputat, sia f’l-istqarrija u sia fid-dikjarazzjoni minnu maghmula fil-mori tal-proceduri, ma kienux determinanti ghall-konkluzzjoni li huwa kien jippresta ruhu bhala Raymond Cortis u ffirma dawk id-dokumenti kollha b’l-isem ta’ Raymond Cortis, ghaliex ix-xhieda mressaq mill-prosekuzzjoni, partikolarment d-dirigenti u l-impjegati ta’ Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited, pero mhux biss, ma hallew l-ebda dubbju li huma kienu qed jittrattaw ma’l-imputat, li gharfu f’l-awla, bhala persuna li kienet tipprezenta ruhha bhala Raymond Cortis, ghamlet negozju maghhom bhala Raymond Cortis, u ffirmat id-dokumenti kollha imsemmija fil-kors ta’ dawn il-proceduri b’l-isem Raymond Cortis.

Illi mill-provi propdotti jirrizulta li l-ammonti li finalment huma dovuta lill-Micahel Debono Limited u Rohan Motors Limited rispettivament huma €922,334 u €153,542.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali huma ta’ truffa jew frodi innominata a dannu ta’ Michael Debono Limited u ta’ Rohan Motors Limited; diversi reati ta’ falsifikazzjoni; u ksur ta’ liberta kondizjonata.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta’ truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e’ l’inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il*

*reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[3]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat* ***ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma***[4] *ghax tkun giet ingannata*.[5]

Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:

[3] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[5] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore* ***l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno***[6]*….. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale … e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche … essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore,* ***e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui***[7].[8]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent.* ***Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata***[9].[10]

Illi mill-provi akkwizieti l-Qorti hija sodisfatta li b'ingann konsistenti f'raggiri u artifizji kif fuq definiti, l-imputat wassal lil Michael Debono Limited u lil Rohan Motors

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Manuele di Diritto Penale op cit pagna 359
[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[10] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Limited biex ibieghulu l-vetturi kollha fuq imsemmija u li dan l-att wassal ghal telf patrimonjali konsiderevoli lil dawn iz-zewg kumpaniji. Ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma sodisfacjenement pruvati.

Ikkunsirdat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja l-imputat qed jigi addebietat b'diversi forom ta' falsifikazzjoni.

Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjah *falz materjali* kif ukoll 'l hekk imsejjah *falz ideologiku*. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali:

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[11]

Illi f'l-istess kaz hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiko u il-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'

[11] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[12]

Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[13]

Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad '*that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document*."[14]

Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the*

---

[12] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.
[13] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.
[14] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

*making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered*[15].

Illi mill-provi akwizieti f'dan il-process, u kif jirrizulta mir-riassunt tal-fatti ta' dan il-kaz, fil-kors tan-negozju tieghu ma' Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited l-imputat prezenta lilu nnifsu bhala Raymond Cortis u ffirma kull dokument fil-kors ta' dan in-negozju bhala Raymond Cortis.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li d-dokumenti esebieti in atti u li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami ma ssubewx alterazzjonijiet wara l-formazzjoni taghhom. Min-naha l-ohra lanqas hemm dubbju li l-awtur apparenti (Raymond Cortis) ma kienx l-awtur reali (l-imputat) taghhom. Fi kliem Antolisei kull dokument *e' posto in essere da persona diversa da quell ache provenga*, jew fi kliem Archbold kull dokument *tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it.*

Illi tenut kont ta' dan huwa car li l-agir ta' l-imputat jinkwardra ruhhu f'definizzjoni ta' falz materjali u li konsegwentement l-imputat ghandu jinstab hati tar-reati

[15] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.

ravvizati f'l-artikoli 183, 184, 187 u 189 tal-Kapitolu 9 pero mhux tar-reat ravvizat f'l-artikolu 188 li jikkontempla l-falz ideologiku.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ta rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali tirreferi ghall-ksur ta' l-artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 152. In-nota ta'l-Avukat Generali hija datata 14 ta' Frar 2012; dak in-nhar il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx jezisti ghalhekk l-imputat ma jista' qatt jinstab hati ta' xi reat li kien predispost f'dan il-Kapitolu. Konsegwentement ma jistax jinghad li d-disgha imputazzjoni tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatti. Bla dubbju l-ewwel fattur li trid tiehu in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammonti involuti, d-danni sofferti minn Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited, kif ukoll il-hsara li gie esposta ghaliha Raymond Cortis. Il-Qorti trid ukoll tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda allarmanti u minnha jirrizultaw kundanni ghal diversi reati inkluz dawk li taghha qed jinstab hati llum. Fattur iehor importanti huwa dak li l-imputat m'ghamel xejn biex jipprova jissalda d-debietu li ghandu ma' Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tmien u tad-disgha imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 183, 184, 187(1)(2), 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah hames (5) snin prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €3468,08 rapprezentanti spejjez konnessi mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------